MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2009

Numru 517/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**versus**

**Romeo Bone.**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Romeo Bone ta’ 31 sena, iben Joseph u Anna nee Zarb, imwieled il-Pieta’ fit-28 ta’ Marzu 1976 u li joqgħod Dar Redentur, Triq Santa Katerina, Attard, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 195376 (M)

Akkużat talli bejn is-6 ta’ Mejju 1993 għall-ħabta tal-5pm u s-7 ta’ Mejju 1993 għall-ħabta tad-9.00 am

1. Minn Pjazza Sir Robert Sammut, Floriana kkometta serq ta' Vettura Ford Cortina, nurmu ta-rReġistrazzjoni NO 744, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-elf lira Maltija, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa liema serq sar għad-detriment ta' Salvatore de Carlo;

2. Volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħadd ieħor, cioe' karrozza bin-numru tar-reġistrazzjoni No 744 liema ħsara teċċedi l-ħames mitt lira MAltija (Lm500) ai termini tal-artikolu 325(1)(a) tal-Kap 9 u l-istess ħsara saret għad-dannu ta' Salvatore de Carlo;

3. Fil-Floriana u fil-Marsa saq vettura Ford Cortina numru tar-reġistrazzjoni No 744 mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni u mingħajr ma kien kopert b'liċenzja tas-sewqan.

U iktar

Akkużat talli bejn is-2.30 pm fit-30 ta' Diċembru 1993 u s-7.15 am tal-31 ta' Diċembru 1993 mid-Dipartiment tad-Drenaġġ f'Pinto Wharf il-Marsa

4. Ikkommetta serq ta' żewġ bagalji bi strumenti speċjalizzati, liema serq hu aggravate bil-mezz, bil-valujr li jeċċedi l-elf lira Maltija, bil-lok u bil-ħin; liema serq sar għad-detriment tas-soċjeta' Cowi Consulting Company Limited;

5.Volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħadd ieħor, mobbli jew immobbli liema ħsara ma teċċedix il-ħames mitt lira Maltija (Lm500) iżda tiskorri l-ħamsin lira Maltin ai termini tal-artikolu 325(1)(b) tal-Kap 9 u l-istess ħsara saret għad-dannu tal-Gvern ta' Malta u / jew ta' persuni jew entitajiet oħra.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat bin-numru 1953 tal-1976 li juri li l-imputat twieled fit-28 ta' Marzu 1976 u li għalhekk fiż-żmien indict fl-ewwel imputazzjoni ( u cioe' 6 ta' Mejju 1993) huwa kellu 17-il

sena xahar u tmint ijiem waqt li fiż-żmien indikat fit-tieni imputazzjoni (u cioe' 30 ta' Diċembru 1993) huwa kellu 17-il sena 9 xhur u tlitt ijiem; il-fedina penali tal-imputat (fol 4 et), iż-żewġ proċessi verbali mmarkati Dok MM u MM1 (fol 20 u 21); il-konferma tal-esperti maħtura matul l-inkjesta; u l-artikoli mibgħutin mill-Avukat Ġenerali (fol 80), il-kunsens tal-imputat sabiex huwa jkompli għaddej proċeduri quddiem din il-Qorti, u d-digriet li bih il-Qori ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza minkejja li keient diġa' tħalliet għal dan il-għan..

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Rat il-kopja tas-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Pierre Buttigieg' tas-17 ta' Settembru 2008 mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, liema kopja kienet ippreżentata mill-Proekuzzjoni.

Ikkonsidrat.

Mill-process jirrizulta li xehed Dr Abela Medici bhala direttur tal-Laboratorju Forensiku tal-Pulizija ta' Malta. Huwa qal illi l-esperti kienu imqabbdin mill-Qorti fis-sena 1993 u dawn kienu elevaw diversi latents minn fuq ix-xeni differenti tar-reati differenti.  Dawn dahhluhom fil-computer tal-pulizija fl-automated fingerprint identification system. Fl-1993 dak iz-zmien kellhom computer system antik u li gie out of service fis-sena 1994.  Meta saret is-search mal-fingerprint form li kellhom fil-computer dak iz-zmien, ma kien tahom ebda rizultat. Dak iz-zmien il-print form ta' Romeo Bone kienet ghadha mhix ghand il-pulizija ghax ma kien hemm ebda kaz tieghu.

Fis-sena 2001 il-pulizija xtrat automated fingerprint identification system gid u fih bdew idahhlu il-latents u l-affarijiet antiki kollha. Dan sar fully operational fis-sena 2003 u 2004.

Fis-sena 2001 kien hemm spettur tal-pulizija li kellu kaz fejn kien suspettat l-imputat u fid-19 ta' Lulju 2001 ttehditlu l-ewwel temprint form tieghu. Din ddahhlet fis-sistema pero l-comparisons peress li kienu ghadhom qed jaghmlu il-cleaning tal-fingerprints ha hafna zmien biex jitlesta l-process.  Fil-process kmieni din is-sena kienu qed jiccekkjaw certu affarijiet antiki u regghu ghamlu search iehor din id-darba cleaned ta' dawn il-fingerprints ta' Romeo Bone u tela' dan il-kaz partikolari li qablilhom.  L-ufficjal informa lill-ufficjal tal-pulizija li kellhom print fuq l-AFIS ta' din il-persuna.  Huwa rega qal li qabel is-sena 2001 ma setax jigi identifikat ghax qatt ma kellhom il-fingerprint form ta' l-imputat.  Fis-sena 2001 sa 2004 kienu ghadhom qed jinputtjaw id-data gdida fl-AFIS (fol 33) u jnaddfu, process li ghadu sejjer sa llum, jigifieri 19 ta' Settembru 2007.

Xehed Joseph Mallia li kien mahtur bhala espert mill-Magistrat Giovanni Grixti sabiex jiehu l-impronti digitali ta' l-imputat u l-marki tal-pali ta' l-idejn.  Huwa kien awtorizzat jiehu xi esebiti li kellhom x'jaqsmu mas-serqa mill-Marsa.

Kien wkoll awtorizzat jaghmel comparison bejn il-lifters li kienu esebiti u l-impronti digitali li kien ha l-espert Joseph Mallia.

Huwa qal li fil-konkluzjonijiet tieghu kien rrelata li kien hemm pront 69CCME106 li kien jaqbel mas-subgha tal-lemin tac-curkett ta' l-id il-leminijia ta' l-imputat u kif wkoll li kien hemm print iehor, 107, li kien jaqbel mas-subgha tal-lemin tas-subgha l-kbir ta' l-imputat.

Rega' xehed l-istess Joseph Mallia, din id-darba fuq inkarigu li kien tah il-Magistrat Dr Silvio Meli  biex jiehu fingerprint u palm print form ta' l-imputat fit-18 ta' Mejju 2007.

Kien awtorizzat jirtira lifters li kienu esebiti mill-pulizija u imbghad mill-ezami komparattiv sab li d-dokument 93 AWK 104 kien jaqbel ms-subgha l-kbir ta' l-id il-leminija ta' l-istess Romeo Bone (fol 26).

PC 1510 Michael Pace kkonferma li kien ha r-ritratti hu, kienu hamsa black and white dak iz-zmien u kienu ingibdu gewwa l-Menqa.

Xehed ukoll Brian Farrugia in rapprezentanza tal-Malta Transport Authority (fol 30). Huwa ghamel ricerka dwar il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni N – 0744 li kienet Ford Cortina Estate ta' kulur abjad. Din kienet registrata f'isem Salvatore De Carlo ID 792038M minn San Pawl il-Bahar u kienet hekk registrata fit-18 ta' Novembru 1992. Il-vettura giet skrappjata mill-istess Salvatore De Carlo fis-26 ta' Ottubru 2000. Huwa ghamel ricerka dwar xi driving licence kellu Romeo Bone. Minn ricerka li ghamel dan gab il-licenzja taht kategorija B fis-6 ta' April 1994 u gab il-kategorija A fit-30 ta' Settembru 1994.

Xehed Salvatore De Carlo li qal li kienu marru l-pulizija ghandu u qalilhom li l-Ford Cortina kienet pparkjata. Dawn haduhom maghhom u sabha in-naha tal-Marsa bid-daqqa taht container. Il-karozza kien juzaha hu biss u forsi xi kultant kien jehodha t-tifel tieghu. Il-karozza dak inhar ma kien taha lil hadd u kienet pparkjata hemm. Huwa qal li l-karozza kienet total loss. L-insurance kienu tawh madwar LM300.

Xehed ukoll Joseph Zammit li qal li hu kien ghamel ir-rapport tieghu dak iz-zmien fuq il-Cortina li nstabet fejn il-container depot il-Marsa. Huwa kien ghamel stima tal-hsara li kien hemm fuqha u kkonstata wkoll li din il-karozza setghet infethet. Din kienet karozza Cortina tas-60s.

Xehed Paul Sciberras izda mix-xhieda ta' dan ma hareg xejn ta' importanza.

Xehed Philip Sammut li qal li hu kien ghamel rapport fuq serq mis-sezzjoni tad-Drenagg f'17 Pinto Wharf Marsa fejn kienu naqsu zewg briefcases ta' l-aluminium li kien fihom dokumenti tad-drenagg. Kien hu li ghamel ir-rapport, liema rapport kkonfermah ukoll. Ghal mistoqsija tal-Qorti jekk kienx interroga xi nies, hu qal li ma jidhirlux.

Kien kellem lil certu watchman Joseph Muscat ghax jidher li ghamel statement u qal li ma ra xejn. Dan kien l-unika persuna illi huwa kien kellem u qatt ma kien investigah.

Xehed il-Perit Philip Grech li kien dak iz-zmien direttur tas-Sezzjoni tad-Drenagg. Huma kellhom xi tghamir ghax kienu qed jaghmlu studji fuq is-sengha tad-drenagg ta' dak iz-zmien. Dan kien imsakkar f'wahda mill-kmamar li kellhom hemm hekk fil-power station. Kellhom attivita u kienu marru lejn id-dar. L-ghada kienu sabu dan l-apparat nieqes. Fl-ufficcju kellu konsulenti li kienu qed jghinuh dak iz-zmien, kien qisu tal-Gvern pero kienu juzawh dawn il-konsulenti u l-apparat kienu gabuh huma stess mid-Danimarka.

Mill-proces verbal jirrizulta li fit-8.20am kien infurmat mis-segretarja li meta l-haddiema dahlu fl-ufficcju kienu sabu diversi bibien sgassati. Huwa kien nizel fuq il-post u nnota li kien hemm xi bibien ta' l-ufficini sgassati u li naqsu xi oggetti. Kienu naqsu zewg bagalji ta' l-aluminium li kien hemm diversi affarijiet fihom. Dan kien iqumu madwar Lm1800 (fol 52). Il-consulting company kienet Daniza.

Xehed Joseph Vella li dak iz-zmien kien jahdem Pinto Wharf u kellu x'jaqsam mal-computers. Hu qal li kien hemm staff party fi zmien il-MIlied u li kien baqa' l-ahhar xoghol hemm hekk. Xis-2.30pm kienu telqu kollha. L-ghada dahal ghax-xoghol fis-7.00am u kienu qalulu li kien hemm break in u hadulhom xi affarijiet. Hu qal li ma kien fadal hadd warajh meta hareg fit-30 ta' Dicembru 1993. Kollox kien f'postu u l-aperturi kienu imsakkrin. Lill-imputat ma kien jafu imkien.

Xehed l-Ispettur Joseph Mercieca li qal li kienu ghaddewlu xi informazzjoni li ngabru xi fingerprints f'incident kemm tas-serqa li kellha x'taqsam mad-Dipartiment tad-Drenagg kif wkoll is-serqa l-ohra tal-karozza. L-ispettur kien mgharraf li kien hemm positive match ma dak ta' l-imputat Romeo Bone.

Dak il-habta kien qed jinvestiga lill-imputat fuq xi kazijiet ohrajn u kien kellmu fis-6 ta' Gunju 2007 rigward dawn iz-zewg serqiet. L-imputat kien cahad l-involviment tieghu u fl-istqarrija ma kien wiegeb ghall-ebda domanda.

L-istqarrija ta' l-imputat tinsab a fol 60. Saret fis-6 ta' Gunju 2007 u f'din l-istqarrija l-imputat ma wiegeb ghall-ebda domanda.

Xehed PC 1135 Donatello Cortis li kkonferma li kien prezenti waqt it-tehid ta' l-istqarrija.

A fol 68 xehed PS 659 Jeffrey Hughes illi qal li kien nominat bhala espert ta' l-impronti digitali mill-Magistrat illum Imhallef Dr Gino Camilleri u gharaf ir-rapport tieghu fejn kien hemm diversi impronti digitali li kienu go envelope. Huwa kien gie nominat wkoll mill-Magistrat Dr David Scicluna fl-atti ta' l-inkjesta dwar sejba ta' vettura bin-numru N- 0744 fil-Menqa fis-7 ta' Mejju 1993. Kien eleva l-karozza u diversi impronti digitali. Huwa kellu sketch wkoll minn fejn eleva l-impronti.

Xehed ukoll Salvatore DeCarlo li kien riprodott u qal illi kien jaf li l-imputat huwa mill-Floriana u li huwa gieli sewwa ghand il-familja izda l-Ford Cortina qatt ma kien sewwieha ghand il-familja ta' l-imputat. Lill-imputat qatt ma kien tah vetturi (fol 71).

<u>Provi difiza.</u>

Salvatore DeCarlo imtella' mid-difiza fil-25 ta' Frar 2009 u rega qal l-istess storja ta' qabel. Huwa kkonferma li hu kien hallieha pparkjata wara l-hanut round the corner fejn hemm il-Fosos tal-Floriana. Il-karozza kienet fi stat tajjeb biss kienet bla batterija. Lill-imputat kien jafu ghax kien imur jixtri minghandu ta spiss. Huwa qal li ma kienux jilghabu n-naha tieghu it-tfal. Huwa qal li kienu jilghabu fuq il-Fosos il-kbar imma l-karozza tieghu kienet pparkjata fin-naha tal-Fosos iz-zghar tal-Kapuccini. Huwa qal li kien

hemm differenza minn fuq il-Fosos il-kbar fejn ikun hemm hafna tfal jilghabu ghal fuq il-Fosos iz-zghar.

Xehed Silvio Fenech imtella' mid-difiza li qal li hu ghandu petrol station fit-telgha tal-Kurcifiss il-Floriana. Lill-imputat kien jafu ghax missieru kien klient tieghu u kien qallu jekk jistax jiftakar dak ic-certu perjodu (fol 112). Il-familja ta' Bone kienet toqghod 'l fuq mill-garaxx tieghu fil-Floriana stess. Huma kienu jilghabu fil-pitch tal-futbol u hemm il-playground. Dak iz-zmien il-ballun mhux l-ewwel darba li kien jmur in-naha tas-sur u joqghodu jiddendlu biex igibuh. Huwa kien qed jirreferi ghall-gnien il-KG5 (fol 113). Mhux l-ewwel darba li kien igibilhom il-ballun hu meta kien jigi fuq in-naha tas-saqaf tal-garaxx.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**Punti Legali**

**L-applikazzjoni tal-artikolu 37 tal-Kap 9.**

L-ewwel punt huwa dwar l-eta' tal-imputat fiż-żmien indikat fl-imputazzjonijiet. Minn eżami akkurat taċ-ċertifikat tat-twelid kif ukoll tad-dati indikati fiċ-ċitazzjoni jirriżulta li l-imputat kien għadu ma għalaqx it-tmintax meta twettqu l-allegati imputazzjonijiet.

**Għalhekk għandu japplika l-artikolu 37 tal-Kap 9 f'każ li l-imputat jinstab ħati.**

**Preskrizzjoni Speċjali taħt il-Kap 104**

Skond l-artikolu 3(3)(a)(b), ma jistgħux jinbdew proċeduri taħt dan l-att jekk dan ma jsirx fi żmien 6 xhur mid-data ta' meta jsir ir-reat **jew** perjodu li ma jaqbiżx it-tliet xhur minn meta saru jafu l-Pulizija jew sena mid-data tal-offiża, liema minn dawn il-perjodi huwa l-itwal.

Kemm is-sitt xhur kif ukoll is-sena mid-data tar-reat kienu għaddew.

Il-Proċessi verbali li fihom sar it-tqabbil tal-fingerprints ingħalqu fl-24 ta' Mejju 2007 u t-8 ta' Mejju 2007 rispettivament. Iċ-ċitazzjoni kienet ippreżentata fl-14 ta' Ġunju 2007. L-ewwel seduta saret fid-19 ta' Settembru 2007 u l-imputat kien preżenti.

Jekk tittieħed bħala benchmark id-data ta' meta l-Pulizija kellha f'idejha l-comparisons, ma jirriżultax li kienu nqabżu t-tliet xhur

**Iżda**,min-naħa l-oħra, jekk wieħed jieħu bħala bench mark jew is-sena 2001 jew 2004 ( sakemm spiċċa l-ewwel cleaning għax dan kien għadu sejjer) il-perjodu tal-preskrizzjoni dwar ir-reati ta' sewqan bla assigurazzjoni għandu jitqies li għadda.

It-talbiet għall-ħatra ta' espert biex isir eżami komparattiv saru f'Marzu u April 2007 rispettivament.

Mix-xhieda ta' Dr Abela Medici jidher li sas-sena 2001 kien impossibbli għall-Pulizija li jintraċċaw lill-imputat għaliex lill-imputat itteħditlu l-ewwel forma fid-19 ta' Lulju 2001. Il-cleaning process ħa sas-sena 2003 u 2004 u kien għadu għaddej. **Huwa qal li kien 'early this year' (fol 23) (2007) li kien tela' dan il-każ partikolari.**

Ma jistax wieħed jgħid eżatt għal-liema perjodu tas-sena kien qed jirreferi Dr Abela Medici meta qal 'early this year'. Wieħed ma jistax jeskludi li dan seta' kien Jannar jew Frar. Għalhekk it-tliet xhur ikunu għaddew.

Fi stat ta' dubju, id-dubju għandu jmur favur l-imputat u għalhekk il-Qorti qed tqis l-imputazzjonijiet dwar sewqan bla assigurazzjoni bħala preskritti.

**Il-Preskrizzjoni taħt il-Kap 9.**

Id-difiża qed tissottometti li ż-żmien tal-preskrizzjoni kien għadda. L-argumenti tagħha brevement huma dawn:

(a) Li l-imputat kien ‘known’ fis-sena 1993.

(b) Li l-Prosekuzzjoni kienet fid-dmir li ttella’ l-prova li l-imputat kien ‘unknown.’

(ċ) Li jekk kellha l-informazzjoni fis-sena 2001 allur jmissu bdiet il-proċederi mal-ewwel għaliex l-imputat m’għandux jibqa’ mdendel għaliex il-makkinarju eżistenti ma jkunx daqstant effiċjenti.

(d) Straħet prinċipalment fuq is-sentenzi ‘Formosa vs Zarb Cousin’ tal-11 ta’ Settembru, 1922 u ‘Il-Pulizija vs Mikiel Agius’ tat-3 ta’ Frar 1947.

(e) Irriteniet li ż-żmien ta’ preskrizzjoni huwa ta’ għaxar snin ai termini tal-artikolu 688 (d) tal-Kap 9 u li għalhekk, ġaladarba fis-sena 2001 iddaħħal il-makkinarju ġdid, il-Pulizija jmissha aġixxiet sas-sena 2003 – jiġifieri fit-terminu ta’ 10 snin tal-preskrizzjoni.

Il-Qorti eżaminat l-artikolu 692 tal-Kap 9 li jgħid hekk:

‘Iż-żmien tal-preskrizzjoni għad-delitti ma jibdiex jimxi meta l-ħati mhux magħruf.’

Mela sakemm il-ħati mhux magħruf, il-preskrizzjoni lanqas biss tibda tgħaddi. Għalhekk, jekk wieħed jaċċetta t-teżi tad-difiża li l-Pulizija saret taf fis-sena 2001, allura fis-ena 2001 bdiet għaddejja l-preskrizzjoni ta’ għaxar snin u mhux kien fadal biss sentejn kif issottomettiet id-Difiża. Għalhekk ukoll b’azzjoni fiss-ena 2011, il-Prosekuzzjoni kienet tkun għadha fil-ħin għax bejn is-sena 1993 u s-sena 2001 il-Preskrizzjoni kienet għadha lanqas bdiet miexja.

Jekk imbagħad wieħed jimxi mal-punti li tqajmu mill-Qrati tagħna matul iż-żmien xorta wieħed jasal għall-konklużjoni li l-Preskrizzjoni kienet għadha ma bdietx għaddejja.

(i) ‘La parola ‘ignoto’ adoperata nell’artitcolo (692) importa nell’autorita’ incaricata a scoprire a reati una ignoranza

assoluta dell'autore di un delitto.' (Rex vs Giovanni Buhagiar' 26 t'Ottubru 1906.

Effettivament ittella' jixhed l-Ispettur li kellu l-inkarigu tal-inkjesta u qal li lill-imputat (li dak iż-żmien lanqas biss kellu tmintax-il sena) ma kienx interrogah. Il-fedina penali turi li qabel l-1994 kienet nadifa jiġifieri l-imputat lanqas kien xi bniedem notorju mal-Pulizija. Għalhekk ukoll jekk wieħed jaċċetta t-teżi li l-Prosekuzzjoni trid tipprova li kien 'ignoto', din il-prova saret ukoll. (Ara fol 46 u 47 tal-proċess).

Biss mill-kliem tal-Liġi ma jidhirx li din il-prova hija sine qua non. Jista' wkoll ikun hemm ċirkostanzi fejn tali asserzjoni tista' tkun perikoluża għall-andament tal-ġustizzja għax (a) mhux soltu li wieħed irid jipprova n-negattiv; (b) nies li jkunu involuti f'investigazzjonijiet ikunu irtiraw jew telqu mill-Korp, insew, emigraw jew mietu; (ċ) ma tistax tipprova n-negattiv minn baħar ta' files; (d) u huwa wkoll tal-iskantament li għax persuna tkun interrogate u mitluqa, jekk wara din tirriżulta li kienet responsabbli għar-reat, ma tibqax 'ignoto/a'. Il-Pulizija tista' tinterroga elf ruħ fi sforz biex issolvi każ u mhux dejjem ikun possibbli li tmexxi minkejja li jkollok suspetti f'persuna. Jekk wieħed jirrifletti l-awtur ta' delitt m'għandux jitqies bħala 'magħruf' sempliċiment għax ġie interrogat.

(ii) Il-preskrizzjoni tibqa' miexja meta l-ħati jibqa' mhux magħruf jew għaliex dak li bi ħsara tiegħu jkun sar id-delitt ikun wera nuqqas kolpevoli ta' viġilanza biex jiskopri l-ħati avvolja 'egli (il-ħati) fosse consciuto nella communita' in cui il delitto fosse commesso' jew għaliex tkun uriet din in-nuqqas kolpevoli ta' viġilanza l-Pulizija.

Ma jidhrix li fiż-żewġ imputazzjonijiet kien hemm xi nuqqasijiet da parti ta' min sofra danni jew da parti tal-Pulizija. Min-naħa tal-gvern sar ir-rapport mal-ewwel u l-individwu l-ieħor li nsterqitlu l-karozza malli sar jaf mill-Pulizija mill-ewwel għaraf il-karozza tiegħu. Il-Pulizija infurmat il-Maġistrat u wasslet l-ordnijiet kollha dwar il-ħatriet tal-esperti u żammet l-elementi kollha li għandhom jinżammu f'inkjesta.

Minn imkien ma jirriżulta li l-Pulizija kellha xi ħjiel bejn is-sena 1993 u 2001 u ma mxietx fuqu. Ma tistax tissejjaħ inerzja jekk il-Pulizija ma jiġiha xejn f'idejha li tist'a timxi fuqu.

Effettivament, il-każ imsemmi b'approvazzjoni mid-difiża, jispiċċa hekk:

***'Għalhekk l-Attorney General għandu raġun meta jgħid li f'dan il-każ il-preskrizzjoni ma ddekorritx ħlief mindu (Sciortino) sar jaf fejn jinsab il-karrettun tiegħu u seta' b'hekk jirrintraċċja dawk li verosimilment setgħu jkun responsabbli quddiem il-liġi.'***[1]

Dan il-kliem inkitbu meta l-computers kienu apparat goff għal xi xjentist jew xi Dipartiment tad-Difiża. Permezz ta' apparat li għandna llum ( u magħhom wieħed iżid it-testijiet tad-DNA li qed jiskolpaw persuni li servew sentenzi ta' priġunerija u jiskopru ħatjin aktar minn għoxrin senanwara t-twettiq ta' xi delitt), l-affarijiet inbidlu radikalment. Għalhekk ta' min wieħed jeżamina l-artikolu 692 b'lenti differenti jekk l-għan ewlieni tal-Kap 9 huwa li ssir ġustizzja.

Tieħu liema data tieħu, l-2001, l-2004 jew l-2007 (kif tirriżulta mix-xhieda ta' Dr.Abela Medici u li l-Qorti tqis bħala l-aktar waħda raġonevoli) l-għaxar snin ma kinux għaddew.

**Barra dan, jekk wieħed jimxi ma' dak li qalet il-Qorti fil-Każ 'Il-Pulizija versus Mikiel Agius' il-preskrizzjoni ma ddekoritx ħlief minn meta Dr.Abela Medici informa lill-Pulizija bil-computer matching.**

Żgur ma jidhirx li l-Pulizija raqdet jew qagħdet b'idejha marbuta minn dik id-data.

---

[1] Il-Pulizija vs Mikiel Agius 3 ta' Frar 1947 Ir-Raba' Parti paġina 490.

**Għalhekk il-Qorti, wara li mxiet fuq il-każistika kfi kienet s'issa, mhix taċċetta d-difiża tal-preskrizzjoni dwar l-ewwel, it-tieni, ir-raba' u l-ħames imputazzjoni.**

**Fatti**

Il-provi tal-Prosekuzzjoni huma smejsa fuq fingerprints li kienu elevati minn fuq buqar u minn fuq karozza.

Id-difiża ssottomettiet li dan mhux biżżejjed biex jorbot lill-imputat mal-imputazzjonijiet dedotti kontrih. Saħansitra ssottomettew li PC 659 Jeffrey Hughes ma indikax fejn kien il-buqar. Barra dan, dawn il-fingerprints instabu f'postijiet li kien jiffrekwenta l-imputat.

Bir-rispett kollu l-Qorti ma taqbilx ma' dawn is-sottomissjonijiet. L-ewwelnett fir-rapport tiegħu PC 659 Jeffrey Hugħes kiteb hekk:

'93 CME 105 u 93 CME 106
Impronti diġtiali misjuba fuq buqar mill-parti ta' barra fuq. (Din kienet ġo kaxxa tal-akrtun ġo basket tal-plastik ta' lewn abjad fil-kurutur)

**93 CME 107**
**Impronti diġitali misjuba fuq l-istess buqar mill-parti ta' ġewwa ta' fuq.'**

**Jekk wieħed jaqra l-aħħar żewġ paragrafi, u MHUX l-aħħar wieħed biss, wieħed jikkonkludi li –scene of the crime officer indika biċ-ċar fejn instabet l-impronta.**

**Il-Qorti hija konvintissima li l-impronti diġitali li nstabu kemm fuq il-buqar kif ukoll fuq il-karozza kienu dawk tal-imputat.**

**Ma tistax ma torbotx is-serqa mid-dipartiment tad-drenaġġ mal-imputat b'impronta diġitali miġbura friska propju l-għada tas-serqa.**

Il-Qorti wiżnet ukoll ix-xhieda li tellgħet  id-difiża biex turi li l-impronta fuq is-saqaf tal-karozza setgħet saret għaliex l-imputat kien jilgħab f'dawk l-inħwi.

Bir-rispett kollu huwa naqra stramb li kull fejn isir xi reat ikun hemm l-impronti tal-imputat.  Huwa stramb ukoll li propju l-impronta tal-imputat kellha tinstab meta hu kellu ftit anqas minn tmintax-il sena u kien għadda ż-żmien minn meta kien jilgħab bil-ballun mat-tfal.

Lanqas m'hemm bżonn li biex ikun prova konvinċenti jrid ikun hemm xi ħadd jiġbed dak li qed jiġri waqt ir-reat kif ikkummentat tant tajjeb il-Qorti tal-Appell Kriminali reċentement f'sentenza mogħtija mill-Prim Imħallef Dr V.De Gaetano. Min-naħa l-oħra s-sentenza 'Il-Pulizija versus Pierre Buttigieg' tas-17 ta' Settembru 2008 fiha wkoll  insenjament ċar dwar l-interpetazzjoni tal-impronti diġitali.

Fuq kollox, il-Qorti ma ssibx li d-difiża ppruvat din it-teżi tagħha fuq bażi ta' probabilita'.  Ħafna, ħafna 'l bogħod minn hekk.  Dak li rriżulta kien sforz li ma kkonvinċiex lill-Qorti.
Għalhekk il-Qorti qed issib li l-provi miġjuba mill-Prosekuzzjoni l-imputat huwa ħati tal-ewwel, tat-tieni, tar-raba' u tal-ħames imputazzjoni.

L-Avukat Ġenerali bagħat is-segwenti artikoli (fol 80)

(a) fl-artikoli 261(b)(ċ)(f)(g), 263, 267, 270, 271, 278, 279 tal-Kodiċi Kriminali;
(b) fl-artikoli 325 (1)(a) tal-Kodiċi Kriminali;
(ċ) fl-artikoli 3(1)(2) tal-Kap 104 u 15(1)(a) tal-Kap 65;
(d) fl-artikoli 261(b)(ċ)(f)(ċ)(g), 263, 267, 269, 270, 271, 278, 279 tal-Kodiċi Kriminali;
(e) fl-artikolu 325 (1)(b) tal-Kodiċi Kriminali.

Fis-sottomissjonijiet tagħha (fol 97) id-difiża rreferiet għas-sentenza 'Il-Pulizija versus Joseph Cini' tal-21 ta' Frar 2001 fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet qalet li l-Avukat Ġenerali ma ddistingwiex bejn l-artikolu (a) u (b)

tal-Artikolu 279 tal-Kap 9. Il-Qorti għażlet lanqas miż-żewġ aggravji.

Dwar dan il-punt, id-difiża għandha raġun u l-Qorti ser tagħżel lanqas miż-żewġ dispożizzjonijiet jew paragrafi.

Id-difiża qalet ukoll li l-gravanti tal-ħin ma kienx ippruvat kemm fl-ewwel kif ukoll fir-raba' imputazzjoni.

Il-Qorti qed tiddeċiedi li dwar dan il-punt għandha raġun ukoll għaliex la fil-proċessi verbali u lanqas mix-xhieda ma jirriżulta x'ħin saru s-serqiet – jiġifieri jekk dawn sarux bejn inżul u tlugħ ix-xemx.

## Konklużjoni

Għaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17 (h) **37,**[2] 28A, 28H, 261(b)(ċ)(f)(g), 263, 267, 270, 271, 278, 279 tal-Kodiċi Kriminali;l-artikoli 325 (1)(a) tal-Kodiċi Kriminali; l-artikoli 3(1)(2) tal-Kap 104 u 15(1)(a) tal-Kap 65;l-artikoli 261(b)(ċ)(f)(ċ)(g), 263, 267, 269, 270, 271, 278, 279[3] tal-Kodiċi Kriminali;u l-artikolu 325 (1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, qed issib lill-imputat ħati tal-ewwel u tar-raba' imputazzjoni iżda mingħajr il-gravanti tal-ħin, tat-tieni u tal-ħames imputazzjoni bil-ħames imputazzjoni assorbita fir-raba' waħda ai termini tal-artikolu 17(h)[4] u qed tilliberah mit-tielet imputazzjoni.

Fiż-żmien meta seħħew ir-reati l-imputat kellu fedina penali nadifa (u lejn dik għandha tħares il-Qorti u mhux kif inhi illum) kif ukoll huwa kien għadu taħt l-eta'. Għalhekk il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għal 15 –il xahar priġunerija li għandhom jibqgħu sospiżi għal erba' snin mil-lum. Il-Qorti fehmet lill-imputat xi jfisser l-artikolu 28A tal-Kap 9.

---

[2] Ara konsidrazzjonijiet dwar punti legali.
[3] Il-Qorti qed tapplika l-artikolu 279(a)
[4] Dan ma jgħoddx għat-tieni imptuazzjoni vis a vis l-ewwel waħda għaliex hawn żewġ intenzjonijeit differenti u l-ħsara saret wara s-serq u mhux saret il-ħsara għas-serq.

Ai fini tal-artikoli 533 tal-Kap 9, il-Qorti mhix tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż tal-esperti maħtura matul l-inkjesti għal dawk il-provi miġbura qabel is-16 ta' Jannar 2006 iżda qed tikkundannah iħallas l-ispejjeż tal-esperti li tqabbdu matul is-sena 2007 liema spejjeż jammontaw għall-Lm217.12 u Lm199.72 rispettivament u cioe' Lm416.24 (€974). Dawn iridu jitħallsu fi żmien xahar mil-lum. Jekk hemm xi hlasijiet li jridu jsiru, dawn iridu jithallsu fi zmien sitt xhur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------